**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 6 ta' Gunju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**-vs-**

**Joseph Cioffi, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 221579M**

***Kumpilazzjoni Nru. 729/2015***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Cioffi u cioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer, fil-15 ta' Lulju, 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar min erbatax-il elf, tlett mija u erbgħin

ewro (€14,340) għad-detriment ta' Joseph Falzon detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 164742M;

2. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, appropja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' is-somma ta' aktar minn erbatax-il elf, tlett mija u erbgħa ewro (€14,340) għad-detriment ta' Joseph Falzon detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 164742M;

3. Talli nhar il-31 ta' Awwissu, 2015 fi Triq Patri Delia, Birkirkara għall-ħabta tas-19:00hrs inġurja jew hedded lill-Michael Falzon, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

4. Talli nhar il-31 ta' Awwissu, 2015 fi Triq Patri Delia, Birkirkara għall-ħabta tas-19:00hrs bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Michael Falzon, Joseph Falzon u Alexandra Falzon jibżaw li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, u hekk huwa jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu ikkaġunat lil ħaddieħor hekk jibża';

5. Kif ukoll aktar talli sar riċediv mogħtija mill-Qorti Kriminali ta' l-Appell datata 18 ta' Marzu, 2013 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B U 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lill-persuna u r-residenza tagħha kif ukoll il-post li talli persuna tiffrekwenta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar is-16 t'April, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tieghu, tal-fedina penali xejn felici tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Ittiehed konsiderazzjoni wkoll ta' dak kkonstatat mill-Ufficjal tal-Probation u l-Parole fil-*Pre-Sentencing Report*.[1]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u b'applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation u servizz ghal perjodu ta' tlett (3) snin, filwaqt li qed jigi ordnat jaghmel hamsa u hamsin (55) siegha servizz fil-kommunita`skond kif ikun dirett mill-Ufficjal tal-Probation.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati jkun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

[1] Dok. RC a fol.293

A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficjal tas-Servizz tal-Kumunita' assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita'.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas lill-parte leza is-somma ta' €3,500 u dan fi zmien ghaxar (10) xhur millum.[2]

Finalment tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

Notifika: Registratur tal-Qorti

[2] Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu flejjes depozitati f'dawn il-proceduri u li l-imputat ddidkjara li jistghu jigu zbankati favur il-parte civile.